



Brussell, 26 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15248/24

LIMITE

CORLX 1027
CFSP/PESC 1526
RELEX 1361
COHOM 172

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) 2020/1998 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi
serji tad-drittijiet tal-bniedem

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2020/1998
dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2020/1998.
- (2) Skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) 2020/1998, il-Kunsill irrieżamina l-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I ta' dak ir-Regolament. Abbażi ta' dak ir-rieżami, jenħtieġ li l-entrati li jikkonċernaw 31 persuna fiżika u 9 entitajiet jiġu aġġornati. Jenħtieġ li l-entrata li tikkonċerna persuna waħda li mietet titħassar.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/1998 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/1998 huwa emendat kif ġej:

- (1) fit-taqsimha "A. Persuni fiżiċi", l-entrata 16 titħassar.
- (2) fit-taqsimha "A. Persuni fiżiċi", l-entrati għall-31 persuna li ġejja huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
"1.	Alexander (Alexandr) Petrovich KALASHNIKOV	Александр Петрович КАЛАШНИКОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Eks Direttur tar-Russian Federal Penitentiary Service (FSIN) Data tat-twelid: 27.1.1964 Post tat-twelid: Tatarsk, Novosibirsk Region/Oblast, Russian SFSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-identità: 771670606787	Alexander Kalashnikov kien id-direttur tas-Servizz Penitenzjarju Federali Russu (FSIN) mit-8 ta' Ottubru 2019 sal-25 ta' Novembru 2021. F'dik il-pożizzjoni, huwa ssorvelja l-attivitajiet kollha tal-FSIN. Fil-kapaċità tiegħu bħala direttur tal-FSIN, huwa kien responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti u detenzzjonijiet arbitrarji.	2.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				<p>Waqt li Alexei Navalny kien qed jirkupra fil-Ġermanja (Settembru 2020-Jannar 2021) wara li kien ġie avvelenat b'aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok, fit-28 ta' Diċembru 2020, l-FSIN ordna li jippreżenta ruħu b'mod immedjat quddiem uffiċjal tal-probation jew, jekk jonqos milli jagħmel dan, jiffaċċja sentenza ta' ħabs talli jkun kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza sospiża għal kundanna għal frodi. Dik il-kundanna għal frodi nstabt li kienet arbitrarja u inġusta mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2018. Fis-17 ta' Jannar 2021, fuq ordnijiet ta' Alexander Kalashnikov, uffiċjali tal-FSIN arrestaw lil Alexei Navalny mal-wasla tiegħu fl-ajruport ta' Moska.</p> <p>L-arrest ta' Alexei Navalny huwa bbażat fuq deċiżjoni tal-qorti tal-belt ta' Khimki, li min-naħa tagħha nħarġet fuq talba tal-FSIN. Lejn l-aħħar ta' Diċembru 2020, l-FSIN kien diġà talab li qorti tissostitwixxi s-sentenza sospiża ta' Alexei Navalny b'sentenza ta' ħabs. Fis-17 ta' Frar 2021, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ordnat lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa jirrilaxxa lil Alexei Navalny.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
2.	Alexander (Alexandr) Ivanovich BASTRYKIN	Александр Иванович БАСТРЫКИН	<p>Pożizzjoni(jiet): President tal- Investigative Committee tar- Russian Federation</p> <p>Data tat-twelid: 27.8.1953</p> <p>Post tat-twelid: Pskov, Russian SFSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tal-identità: 782618375392</p>	<p>Alexander Bastrykin ilu jservi bħala president tal-Kumitat Investigattiv tal-Federazzjoni Russa (il-"Kumitat") minn Jannar 2011 (u bħala aġent president minn Ottubru sa Diċembru 2010). F'dik il-pożizzjoni, huwa jissorvelja l-attivitajiet kollha tal-Kumitat. Uffiċjalment, il-Kumitat huwa ppresedut mill- President Russu. Fil-kapaċità tiegħu, Alexander Bastrykin, bħala president tal- Kumitat, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti u detenzjonijiet arbitrari.</p>	2.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Alexander Bastrykin huwa responsabbli għall-kampanji mifruxa u sistematiki ta' repressjoni tal-Kumitat kontra l-oppożizzjoni Russa li jimmiraw u jinvestigaw il-membri tagħha. Fid-29 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat nieda investigazzjoni dwar il-mexxej tal-oppożizzjoni Alexei Navalny, fejn ġie akkużat bi frodi fuq skala kbira. Alexei Navalny u oħrajn ippubblikaw artikli dwar is-sjeda ta' Alexander Bastrykin tad-ditta tal-proprjetà immobbli Ċeka LAW Bohemia fis-snin 2000.</p> <p>Fl-2022, il-Kumitat Investigattiv, li Alexander Bastrykin għadu jippresiedi, akkuża lil 92 suldat Ukren b'delitti kontra l-umanità matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
4.	Viktor Vasilievich (Vasilyevich) ZOLOTOV	Виктор Васильевич ЗОЛОТОВ	<p>Pożizzjoni(jiet): Direttur tal-Federal Service of National Guard Troops tar-Russian Federation (Rosgvardia)</p> <p>Data tat-twelid: 27.1.1954</p> <p>Post tat-twelid: Sasovo, Russian SFSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tal-identità: 770600283509</p>	<p>Viktor Zolotov ilu d-Direttur tas-Servizz Federali tat-Truppi tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) mill-5 ta' April 2016 u, għalhekk, huwa Kap Kmandant tat-Truppi tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa, kif ukoll Kmandant tal-OMON – Unita Mobbli bi Skop Speċjali integrata fir-Rosgvardia. F'dik il-pożizzjoni, huwa jissorvelja l-attivitajiet kollha tat-truppi tar-Rosgvardia u tal-OMON. Fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur tar-Rosgvardia, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti u detenzjonijiet arbitrari u l-ksur mifruq u sistematiku tad-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, b'mod partikolari bir-repressjoni vjolenti ta' protesti u dimostrazzjonijiet.</p>	2.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Ir-Rosgvardia ntużat biex trażżan il-protesti favur Navalny tat-23 ta' Jannar u tal-21 ta' April 2021, u ġie rrapportat li bosta uffiċjali tal-OMON u tal-Gwardja Nazzjonali użaw brutalità u vjolenza kontra d-dimostranti. Għexieren ta' ġurnalisti spiċċaw fil-mira ta' aggressjoni mill-forzi tas-sigurtà, inkluż il-korrispondent ta' Meduza, Kristina Safronova, li sfat aggredita minn uffiċjal tal-OMON, u l-ġurnalista ta' Novaya Gazeta Yelizaveta Kirpanova, li laqtet daqqa ta' lembuba fuq rasha, li darrbitha. Matul il-protesti tat-23 ta' Jannar 2021, il-forzi tas-sigurtà iddetenew arbitrarjament aktar minn 300 minorenni.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
6.	WANG Junzheng	王君正 (Ortografija Ċiniża)	Pożizzjoni(jiet): Membru tal-20 Chinese Communist Party (CCP) Central Committee (Diċembru 2022-Diċembru 2026); Deputat tal-14-il National People's Congress (NPC, Frar 2023 – Frar 2027); Segretarju tal-Partit taċ-Chinese Communist Party (CCP) tat-Tibet Autonomous Region (TAR); Direttur tal-Foreign Affairs Committee tat-Tibet Autonomous Region (TAR) (minn Mejju 2024); eks Segretarju tal-Partit tal-Xinjiang Production and Construction Corps (XPCC), u Viċi Segretarju tal-Party Committee tal-Xinjiang Uyghur Autonomous Region taċ-Ċina; Kummissarju politiku tal-XPCC u CEO taċ-China Xinjian Group	Segretarju taċ-Chinese Communist Party (CCP) tat-Tibet Autonomous Region (TAR) minn Ottubru 2021. Membru tal-20 Chinese Communist Party (CCP) Central Committee (Diċembru 2022-Diċembru 2026). Deputat tal-14-il National People's Congress (NPC, Frar 2023 - Frar 2027). Eks Segretarju tal-Partit tal-Xinjiang Production and Construction Corps (XPCC) u Viċi Segretarju tal-Party Committee tal-Xinjiang Uyghur Autonomous Region (XUAR) taċ-Ċina minn April 2020 sa Ottubru 2021, kif ukoll Kummissarju politiku tal-XPCC minn Mejju 2020 sa Ottubru 2021. Eks Segretarju tal-Political and Legal Affairs Committee tal-XUAR, minn Frar 2019 sa Settembru 2020. Wang Junzheng okkupa wkoll pożizzjonijiet għolja oħra fl-XPCC.	22.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
			<p>Data tat-twelid: Mejju 1963</p> <p>Post tat-twelid: Linyi, Shandong (China)</p> <p>Nazzjonalità: Ċiniża</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>L-XPCC hija organizzazzjoni ekonomika u paramilitari tal-istat fl-XUAR, li teżerċita awtorità amministrattiva u tikkontrolla l-attivitajiet ekonomiċi f'Xinjiang.</p> <p>Bħala Segretarju tal-Partit u Kummissarju Politiku tal-XPCC, Wang Junzheng kien involut fis-sorveljanza tal-politiki kollha implimentati mill-XPCC. F'dik il-pożizzjoni, huwa kien responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari detenzjonijiet arbitrari u trattament degradanti fuq skala kbira imposti fuq l-Ujguri u popli minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn, kif ukoll ksur sistematiku tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin tagħhom, fost l-oħrajn, b'rabta mal-implimentazzjoni mill-XPCC ta' programm ta' sorveljanza, detenzjoni u indottrinazzjoni fuq skala kbira mmirat lejn l-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Hu kien ukoll responsabbli għall-użu sistematiku mill-XPCC tal-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn bħala forza tax-xogħol furzat, b'mod partikolari fl-għelieqi tal-qoton.</p> <p>Bħala Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tal-XUAR, Wang Junzheng kien involut fis-sorveljanza tal-politiki tas-sigurtà kollha implimentati f'Xinjiang, inkluż il-programm imsemmi qabel immirat lejn l-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn.</p> <p>Bħala Segretarju tal-Kumitat għall-Affarijiet Poliċi u Legali tal-XUAR minn Frar 2019 sa Settembru 2020, Wang Junzheng kien responabbli għaż-żamma tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi fil-XUAR. Bħala tali, kellu pożizzjoni politika importanti, inkarigat bis-sorveljanza u l-implimentazzjoni tal-programm imsemmi qabel.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
7.	WANG Mingshan	王明山 (ortografija Ċiniża)	<p>Pożizzjoni(jiet): Deputat tal-14-il National People's Congress (NPC, Frar 2023 – Frar 2027); Viċi Direttur tal-iStanding Committee tal-Party Committee tal-Xinjiang Uyghur Autonomous Region (XUAR)</p> <p>Data tat-twelid: Jannar 1964</p> <p>Post tat-twelid: Wuwei, Gansu (China)</p> <p>Nazzjonalità: Ċiniża</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Viċi Direttur (minn Frar 2024) u eks membru tal-iStanding Committee tal-Party Committee tal-Xinjiang Uyghur Autonomous Region (XUAR). Deputat tal-14-il National People's Congress (NPC, Frar 2023 - Frar 2027).</p> <p>Eks Direttur u Viċi Segretarju tal-Partit tal-Xinjiang Public Security Bureau (XPSB) bejn l-2017 u Jannar 2021.</p> <p>Bħala Viċi Direttur u eks Segretarju tal-Kumitat għall-Affarijiet Poliċi u Legali tal-XUAR (Settembru 2020 – Frar 2024), Wang Mingshan hu responabbli għaż-żamma tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi fl-XUAR. Bħala tali, għandu pożizzjoni politika importanti, inkarigat biex isegwi programm fuq skala kbira ta' sorveljanza, detenzjoni u indottrinazzjoni mmirat lejn persuni Ujguri u nies minn minoranzi etniċi oħrajn.</p>	22.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				<p>Bħala eks Direttur u Viċi Segretarju tal-Partit tal-XPSB (mill-2017 sa Jannar 2021), hu kellu pożizzjoni ewlenija fl-apparat tas-sigurtà ta' Xinjiang u kien direttament responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm imsemmi qabel. B'mod partikolari, l-XPSB uża l-"Pjattaforma Integrata ta' Operazzjonijiet Konġunti" (IJOP), programm ta' big data użat biex isegwi miljuni ta' Ujguri fir-reġjun ta' Xinjiang u jimmarka lil dawk meqjusa bħala "theddida potenzjali" biex jintbagħtu f'kampijiet ta' detenzjoni.</p> <p>Fil-pożizzjoni attwali tiegħu u minħabba l-funzjonijiet li kellu qabel, Wang Mingshan hu responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari detenzjonijiet arbitrari u trattament degradanti fuq skala kbira mwettqa fuq l-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn, kif ukoll ksur sistematiku tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin tagħhom.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
8.	CHEN Mingguo	陈明国 (Ortografija Ċiniża)	<p>Pożizzjoni(jiet): Segretarju tal-Political and Legal Affairs Commission tal-Xinjiang Uygur Autonomous Region (XUAR); Membru tal-iStanding Committee tas-CCP tal-XUAR.</p> <p>Data tat-twelid: Ottubru 1966</p> <p>Post tat-twelid: Yilong, Sichuan (China)</p> <p>Nazzjonalità: Ċiniża</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Segretarju tal-Political and Legal Affairs Commission tal-Xinjiang Uygur Autonomous Region (XUAR) u Membru tal-iStanding Committee tas-CCP tal-XUAR minn Frar 2024.</p> <p>Eks Direttur tal-Xinjiang Public Security Bureau (XPSB) minn Jannar 2021 u Viċi President tal-People's Government tal-Xinjiang Uygur Autonomous Region (XUAR).</p>	22.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				<p>Bħala Segretarju tal-Kummissjoni għall-Affarijiet Politiċi u Legali tar-Reġjun Awtonomu ta' Xinjiang Uygur (XUAR), Membru tal-Kumitat Permanenti tas-CCP tal-XUAR u eks Direttur tal-XPSB, Chen Mingguo għandu pożizzjoni ewlenija fl-apparat tas-sigurtà ta' Xinjiang u huwa involut direttament fl-implimentazzjoni ta' programm ta' sorveljanza, detenzjoni u indottrinazzjoni fuq skala kbira mmirat lejn l-Ujguri u persuni minn minoranzi etniċi Musulmani oħra. B'mod partikolari, l-XPSB uża l-"Pjattaforma Integrata ta' Operazzjonijiet Konġunti" (IJOP), programm ta' big data użat biex isegwi miljuni ta' Ujguri fir-reġjun ta' Xinjiang u jimmarka lil dawk meqjusa bħala "theddida potenzjali" biex jintbagħtu f'kampijiet ta' detenzjoni. Chen Mingguo hu għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari detenzjonijiet arbitrarji u trattament degradanti mwettqa fuq l-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn, kif ukoll ksur sistematiku tal-libertà ta' reliġjon jew tat-twemmin tagħhom.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
13.	Aiub Vakhaevich KATAEV (magħruf ukoll bħala Ayubkhan Vakhaevich KATAEV)	Аюб Вахаевич КATAEB (magħruf ukoll bħala Аюбхан Вахаевич КATAEB) (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad- Department of the Ministry of Internal Affairs tar-Russian Federation fil-belt ta' Argun fir-Repubblika Ċeċena Data tat-twelid: 1.12.1983 Post tat-twelid: Ilyinsky, Chechnya Nazjonalità: Russa Numru tal-identità: 200505588830, 014112081090 Sess: raġel	Kap tad-Dipartiment tal-Ministeru għall- Affarijiet Interni tal-Federazzjoni Russa fil- belt ta' Argun fir-Repubblika Ċeċena sal- 2018. Fil-kapaċità tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal- Federazzjoni Russa f'Argun, Aiub Kataev kien jissorvelja l-attivitajiet tas-sigurtà tal- istat u tal-aġenziji tal-pulizija lokali. F'din il- pożizzjoni, huwa kien jissorvelja personalment persekuzzjonijiet mifruxa u sistematiki fiċ-Ċeċenja, li bdew fl-2017. Ir- repressjonijiet huma diretti kontra persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI), dawk li huma preżunti li jappartjenu għal gruppi LGBTI, u individwi oħra ssuspettati li huma avversarji tal-Kap tar- Repubblika Ċeċena, Ramzan Kadyrov. Aiub Kataev u forzi li kienu taħt il-kmand tiegħu huma responsabbli għal ksur serju tad- drittijiet tal-bniedem fir-Russja, b'mod partikolari t-tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor, kif ukoll arresti u detenzjonijiet arbitrarji, u eżekuzzjonijiet u qtil arbitrarji jew ekstraġudizzjarji. Skont diversi xiehda, Aiub Kataev issorvelja personalment u ħa sehem fit-tortura ta' detenuti.	22.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
20.	Aleksandr Grigorievitch MALOLETKO	Александр Григорьевич МАЛОЛЕТКО (ortografija Russa)		Aleksandr Maloletko kien kollaboratur mill-qrib ta' Yevgeny Prigozhin. L-azzjoni tiegħu bħala "difensur tal-Patrija" u bħala l-Kap tal-"Veteran's Interests Defenders League" kien imfaħħar pubblikament minn Yevgeny Prigozhin. Huwa kien qed jaħdem bħala istruttur għall-Wagner Group fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA). Huwa assoċjat mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA, u huwa responsabbli talli appoġġa l-atti tal-Wagner Group.	25.2.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
22.	Dimitri SYTII magħruf ukoll bħala Dimitri SYTYI	Дмитрий СЫТИЙ (ortografija Russa)	<p>Pożizzjoni(jiet): Direttur tar-Russian House of Bangui</p> <p>Data tat-twelid: 23.3.1989</p> <p>Post tat-twelid: Minsk (Belarus)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Numru tal-Passaport: 550246878</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Indirizz: NA-SYTAIA/A1-TANKISTAZ KHRUSTITSKOGO 62 APT25/ZP-198217/CI St Petersburg, Russian Federation</p>	<p>Dimitri Sytii għandu rwol ewlieni fil-Wagner Group fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA), u kellu rabtiet mill-qrib ma' Yevgeny Prigozhin. Huwa inkarigat bit-tmexxija tal-operazzjonijiet u tal-politika ta' influwenza tal-Wagner Group fir-RCA. Huwa l-kap tal-fergħa lokali tar-Russian House, il-fergħa kulturali tal-Ministeru għall-Affarjiet Barranin tar-Russja.</p> <p>Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu t-tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA.</p> <p>Minħabba l-pożizzjoni influwenti tiegħu fir-RCA u r-rwol ta' tmexxija tiegħu fil-Wagner Group, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Wagner Group fir-RCA.</p>	25.2.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
23.	Mikhail Sergeyevich ПОТЕРКИН	Михаил Сергеевич ПОТЕПКИН (ortografija Russa)	<p>Pożizzjoni(jiet): Direttur Meroe Gold</p> <p>Data tat-twelid: 19.9.1981 jew 29.9.1981</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tal-Passaport: 651697952 (passaport Russu)</p> <p>Indirizz: Sudan</p> <p>Kumpaniji assoċjati: Megaline; Concord; IT- Debugger</p>	<p>Mikhail Potepkin huwa direttur ta' Meroe Gold, entità ta' kopertura għall-operazzjonijiet tal-Wagner Group fis-Sudan, kif ukoll huwa involut f'M-Invest, il-kumpanija omm ta' Meroe. Huwa għandu rwol prinċipali fi ħdan il-Wagner Group fis-Sudan, u kellu rabtiet mill-qrib ma' Yevgeny Prigozhin. Billi kien affiljat mal-militar Sudaniż, il-Wagner Group żgura l-isfruttament u l-esportazzjoni tad-deheb Sudaniż lejn ir-Russja. Potepkin huwa assoċjat mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu t-tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fis-Sudan. Permezz tal-attivitajiet tiegħu, huwa jipprovdi wkoll appoġġ għal tali abbużi mwettqa fis-Sudan.</p>	25.2.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
25.	Vitalii Viktorovitch PERFILEV	Виталий Викторович ПЕРФИЛЬЕВ (ortografija Russa)	Data tat-twelid: 11.9.1983 Post tat-twelid: Novossibirsk USSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Indirizz: Bangui (Central African Republic) Sess: raġel Numru tal-Passaport: NR 75 2987491 Data tal-konsenja: 30.3.2016 Data ta' skadenza: 30.3.2026	Vitalii Perfilev kien il-konsulent tas-sigurtà tal-President tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA) sa Novembru 2023, u figura ewlenija fi ħdan il-Wagner Group fir-RCA. Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu t- tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA. Minħabba l-pożizzjoni influwenti li kellu matul il-perjodu tat-twettiq tal-abbużi tad- drittijiet tal-bniedem fir-RCA u r-rwol ta' tmexxija tiegħu fil-Wagner Group, Vitalii Perfilev huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill- Wagner Group fir-RCA.	25.2.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
26.	Andrei Sergeevich MANDEL	Андрей Сергеевич МАНДЕЛЬ (ortografija Russa)	Data tat-twelid: 2.3.1990 Post tat-twelid: Germany Sess: raġel Numru tal-Passaport: 753615660	Andrei Mandel huwa l-kap ta' M-Invest, entità ta' kopertura għall-operazzjonijiet tal-Wagner Group fis-Sudan, kif ukoll huwa involut fis-sussidjarja tagħha Meroe Gold. Huwa għandu rwol prinċipali fi ħdan il-Wagner Group fis-Sudan, u kellu rabtiet mill-qrib ma' Yevgeny Prigozhin. Billi kien affiljat mill-qrib mal-militar Sudaniż, il-Wagner Group żgura l-isfruttament u l-esportazzjoni tad-deheb Sudaniż lejn ir-Russja. Andrei Mandel huwa assoċjat ma' Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu t-tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstrapudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fis-Sudan. Permezz tal-attivitajiet tiegħu, Andrei Mandel jipprovdi wkoll appoġġ għal tali abbużi mwettqa fis-Sudan.	25.2.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
27.	Neda Mohammad NADEEM	نداء محمد نديم (ortografija Pashto)	Pożizzjoni(jiet): Aġent Ministru tat-Taliban għall- Edukazzjoni Għolja Nazzjonalità: Afgana Data tat-twelid: 1977 Post tat-twelid: Kandahar, Afghanistan Sess: raġel	Neda Mohammed Nadeem ilu l-aġent Ministru tat-Taliban għall-Edukazzjoni Għolja mit-22 ta' Ottubru 2022. Minn meta daħal fil-pożizzjoni tiegħu, it- Taliban ippubblikaw digrieti li jipprojbixxu lin-nisa mill-edukazzjoni għolja fil-pajjiż kollu. Dawn id-digrieti jċaħħdu lin-nisa mid- dritt tagħhom għall-edukazzjoni kif ukoll mill-aċċess ugwali tagħhom għall- edukazzjoni, u b'hekk jiksru l-prinċipju tat- trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa. Fil-kapaċità tiegħu bħala aġent Ministru tat- Taliban għall-Edukazzjoni Għolja, Neda Mohammed Nadeem huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal- bniedem fl-Afganistan, b'mod partikolari għall-ksur mifruż tad-dritt tan-nisa għall- edukazzjoni u d-dritt għal trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tal- edukazzjoni.	7.3.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
29.	Alexander Georgievich FEDORINOV	Александр Георгиевич ФЕДОРИНОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): uffiċjal kmandant ta' Moscow Police Station Grad: Logutenent Kurunell Data tat-twelid: 31.5.1980 Post tat-twelid: Michurinsk, Tambov, Russian Federation Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Il-Logutenent Kurunell Alexander Fedorinov huwa uffiċjal kmandant ta' Moscow Police Station. Fil-kapaċità tiegħu bħala aġent kap tal-għassa tal-pulizija f'Marzu 2022, huwa awtorizza l- arrest u d-detenzjoni arbitrarji, kif ukoll it- tortura sussegwenti, ta' dimostranti nisa kontra l-gwerra. Alexander Fedorinov huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal- bniedem fir-Russja, b'mod partikolari għal tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, arresti jew detenzjonijiet arbitrarji kif ukoll vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sistematika.	7.3.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
33.	Gatluak Nyang HOTH		Nazzjonalità: Sud Sudaniża Sess: raġel	<p>Gatluak Nyang Hoth kien il-kummissarju tal-kontea għall-kontea ta' Mayiandit (Unity State, is-Sudan t'Isfel) minn Frar 2021 sa Ġunju 2024.</p> <p>F'din il-pożizzjoni, huwa ordna lil milizzji allinjati mal-gvern biex iwettqu attakki fin-Nofsinhar ta' Unity State bejn Frar u Mejju 2022. Matul dan il-perjodu, it-truppi taħt il-kmand tiegħu għamlu użu mifruż u sistematiku tal-vjolenza sesswali bħala tattika tal-gwerra u strumentalizzawha bħala premju u intitolament għall-irġiel li jipparteċipaw fil-kunflitt.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala kummissarju tal-kontea, Gatluak Nyang Hoth huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sudan t'Isfel, inkluż għal vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sistematika u mifruxa.</p>	7.3.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
35.	Toe UI magħruf ukoll bħala: Toe YI		<p>Pożizzjoni(jiet): Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni</p> <p>Grad: Maġġur Ġeneral</p> <p>Data tat-twelid: 1966</p> <p>Nazzjonalità: Myanmarjana/Burmiża</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Il-Maġġur Ġeneral Toe Ui nħatar Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni fit- 3 ta' Frar 2023. Huwa l-eks viċi kmandant tal- Office of the Chief of Military Security Affairs (OCMSA). L-OCMSA huwa responsabbli għall-ġestjoni taċ-ċentri ta' detenzjoni u interrogazzjoni fil- Myanmar/Burma u huwa inkarigat ukoll bil- ġbir ta' intelligence.</p> <p>Il-persunal tal-OCMSA taħt l-awtorità ta' Ui juża nudità sfurzata, stupru, xokkijiet elettriċi, ħruq ta' ġenitali u vjolenza eċċessiva matul id- detenzjoni arbitrarja u l-interrogazzjoni ta' rġiel, nisa u membri tal-komunità LGBTIQ.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala viċi kmandant tal- OCMSA, il-Maġġur Ġeneral Toe Ui huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal- bniedem fil-Myanmar/Burma, inkluż detenzjonijiet arbitrarji u tortura, kif ukoll għal vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sistematika u mifruxa.</p>	7.3.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
37.	Andrei Andreevich ZADACHIN	Андрей Андреевич ЗАДАЧИН (ortografija Russa)	<p>Pożizzjoni(jiet): Investigatur tal-Major Investigative Unit fl-Investigative Committee tar-Russian Federation; Maġġur</p> <p>Data tat-twelid: 22.8.1990</p> <p>Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tal-Kontribwent Individwali: 771577190559</p> <p>Numru tar-Reġistrazzjoni Fiskali: YBLWST14JJ39</p>	<p>Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Investigatur tal-Unità Investigattiva Ewlenija fil-Kumitat Investigattiv tal-Federazzjoni Russa, Andrei Zadachin ħareġ akkuża kriminali politikament motivata kontra Vladimir Kara-Murza. Andrei Zadachin talab ukoll lill-qorti biex Vladimir Kara-Murza jiġi detenut u pprovda xhieda li ssostni dan fil-qorti.</p>	5.6.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Vladimir Kara-Murza huwa attivist prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja. Fl-2022 inbdew proċedimenti tal-qorti b'motivazzjoni politika bbażati fuq allegazzjonijiet foloz kontrih wara li akkuża lill-Kremlin li wettaq delitti tal-gwerra fl-Ukrajna u kkundanna l-aggressjoni Russa pubblikament. F'April 2023 ġie kkundannat għal 25 sena f'ħabs/kamp tax-xogħol ta' sigurtà għolja. Il-proċedimenti tal-qorti kontrih kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew biex jagħtu eżempju bih permezz ta' proċess farsa fir-Russja biex ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern jitrażżnu milli jleħħnu oppożizzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa f'għadd kbir ta' każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex jinkisru b'mod sistematiku u serju ħafna d-drittijiet tal-bniedem ta' individwi li jopponu lir-reġim fil-gvern, billi ma jiġux rispettati l-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni tagħhom.</p> <p>Għalhekk, Andrei Zadachin huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż għal ksur tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
40.	Diana Igorevna MISHCHENKO (Kunjom ta' xebba: GARIPOVA)	Диана Игоревна МИЩЕНКО (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal- Khamovniki District Court of Moscow Data tat-twelid: 12.5.1977 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazżjonalità: Russa Nru tal-passaport: 4508731961 Sess: mara Numru tar-Reġistrazzjoni Fiskali: K7VGTQKBDX68 Numru tal-Kontribwent Individwali: 771805281790	Fil-pożizzjoni tagħha bħala Mħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Khamovniki ta' Moska, Diana Mishchenko hija involuta fil-kawża tal-qorti politikament motivata kontra Vladimir Kara- Murza. Hija tat sentenza biex tapprova l-arrest amministrattiv ta' Vladimir Kara-Murza għal 15-il jum.	5.6.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Vladimir Kara-Murza huwa attivist prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja. Fl-2022 inbdew proċedimenti tal-qorti b'motivazzjoni politika bbażati fuq allegazzjonijiet foloz kontrih wara li akkuża lill-Kremlin li wettaq delitti tal-gwerra fl-Ukrajna u kkundanna l-aggressjoni Russa pubblikament. F'April 2023 ġie kkundannat għal 25 sena f'ħabs/kamp tax-xogħol ta' sigurtà għolja. Il-proċedimenti tal-qorti kontrih kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew biex jagħtu eżempju bih permezz ta' proċess farsa fir-Russja biex ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern jitrażżnu milli jleħħnu oppożizzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa f'għadd kbir ta' każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex jinkisru b'mod sistematiku u serju ħafna d-drittijiet tal-bniedem ta' individwi li jopponu lir-reġim fil-gvern, billi ma jiġux rispettati l-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni tagħhom.</p> <p>Għalhekk, Diana Mishchenko hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż għal ksur tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
43.	Sergei Gennadievich PODOPRIGOROV	Сергей Геннадьевич ПОДОПРИГОРОВ (ortografija Russa)	Funzjoni: Imħallef tal- Moscow City Court Data tat-twelid: 8.1.1974 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Kontribwent Individwali: 772606428578 Indirizz Shmitovskiy Proyezd, 16c2, Moscow, Russia, 123100. Apartment 52. (ШМИТОВСКИЙ пр-д, 16с2, Москва, Россия, 123100. Квартира 52)	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Mħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Moska, Sergei Podoprigorov huwa involut fil-kawża tal-qorti politikament motivata kontra Vladimir Kara-Murza. Huwa ppresieda l-kulleġġ tal-Imħallfin fil-Qorti tal- Belt ta' Moska li fis-17 ta' April 2023 ikkundanna lill-attivista tal-oppożizzjoni Vladimir Kara-Murza għal 25 sena f'ħabs/kamp tax-xogħol ta' sigurtà għolja.	5.6.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				<p>Vladimir Kara-Murza huwa attivist prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja. Fl-2022 inbdew proċedimenti tal-qorti b'motivazzjoni politika bbażati fuq allegazzjonijiet foloz kontrih wara li akkuża lill-Kremlin li wettaq delitti tal-gwerra fl-Ukrajna u kkundanna l-aggressjoni Russa pubblikament. F'April 2023 ġie kkundannat għal 25 sena f'ħabs/kamp tax-xogħol ta' sigurtà għolja. Il-proċedimenti tal-qorti kontrih kienu mmirati lejn l-attiviżmu tiegħu u servew biex jagħtu eżempju bih permezz ta' proċess farsa fir-Russja biex ilħna kritiċi tar-reġim fil-gvern jitrażżnu milli jleħħnu oppożizzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Ir-reġim Russu qed juża l-ġudikatura tal-pajjiż bħala għodda mifruxa f'għadd kbir ta' każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sistema ġudizzjarja mhijiex indipendenti u tintuża biex jinkisru b'mod sistematiku u serju ħafna d-drittijiet tal-bniedem ta' individwi li jopponu lir-reġim fil-gvern, billi ma jiġux rispettati l-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni tagħhom.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Qabel, Sergei Podoprigrorov, bħala Mhallel fil-qorti distrettwali ta' Tverskoi ta' Moska, kien ħa żewġ deċiżjonijiet fir-rigward ta' Sergei Magnitsky, li kixef il-korruzzjoni u l-ingiba ħażina ta' uffiċjali tal-gvern Russu u aktar tard ġie ppersegwitat u miet f'habss Russu.</p> <p>Għalhekk, Sergei Podoprigrorov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż għal ksur tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
75.	Wadim Konstantinowitsch KALININ	Вадим Константинович КАЛИНИН	<p>Pożizzjoni(jiet): Kap tal-IK-3 penal colony</p> <p>Data tat-twelid: 7.3.1973</p> <p>Post tat-twelid: Russian Federation</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tal-Kontribwent Individwali: 663401241613</p>	<p>Wadim Kalinin huwa l-Kap tal-kolonja penali IK-3.</p> <p>Filwaqt li jinsab fil-linja ta' kmand tal-kolonja penali IK-3, u billi uffiċjalment jagħmel parti mill-"persunal għoli ta' kmand" tas-Servizz Penitenzjarju Federali Russu (FSIN) u għandu rwol maniġerjali, huwa inkarigat direttament b'deċiżjonijiet eżekuttivi u għalhekk huwa responsabbli għall-kundizzjonijiet ġenerali tal-priġunerija fil-kolonja penali IK-3. Il- kolonja penali IK-3, komunement magħrufa bħala l-"Polar Wolf", hija l-post fejn il- politiku tal-oppożizzjoni detenut Alexei Navalny miet f'ċirkostanzi mhux magħrufa. Il-kundizzjonijiet tal-priġunerija ta' Alexei Navalny fil-kolonja penali IK-3 inkludew il- vjolenza fiżika, bħat-tortura u n-nuqqas ta' misħun u ħwejjeġ xierqa fix-xitwa, ta' assistenza medika u ikel u ilma.</p>	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				Għalhekk, Wadim Kalinin huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż għal tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u l-ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
86.	Aleksandr Aleksandrovich MUKHANOV	Александр Александрович МУХАНОВ	<p>Pożizzjoni(jiet): Direttur ta' IK-1</p> <p>Data tat-twelid: 7.12.1984</p> <p>Post tat-twelid: Russian Federation</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tal-Kontribwent Individwali: 332806323008</p>	<p>Aleksandr Mukhanov huwa d-Direttur tal-kolonja korrettiva N°1 (IK-1) u kien id-Direttur tal-kolonja korrettiva N°2 (IK-2) matul il-perjodu meta Alexei Navalny inżamm hemm minn Marzu 2021 sa Ġunju 2022.</p> <p>IK-2 hija magħrufa għall-kundizzjonijiet ħżiena ta' detenzjoni. Alexei Navalny, li kien ġie avvelenat ftit qabel, ma nġhatax aċċess għal tobba ċivili f'dik il-kolonja, minkejja t-theddida għal saħħtu.</p> <p>Bħala direttur ta' IK-1, Aleksandr Mukhanov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, b'mod partikolari għal tortura u trattament jew pieneni krudili, inumani jew degradanti oħra, kif ukoll għall-ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.</p>	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
87.	Roman Alexandrovitch VIDYUKOV	Роман Александрович ВИДЮКОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Viċi Kap tal- Main Investigation Department fl-State Investigative Committee tar- Russian Federation Data tat-twelid: 30.7.1980 Post tat-twelid: Russia Federation Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Roman Vidyukov huwa l-Viċi Kap tad- Dipartiment Ewlieni tal-Investigazzjoni u eks investigatur fil-Kumitat Investigattiv tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Matul il-perjodu meta kien fil-pożizzjoni ta' investigatur fil-Kumitat Investigattiv tal-Istat, Roman Vidyukov mexxa l-investigazzjoni f'waħda mill-kawżi li fihom Alexei Navalny għe kkundannat għal disa' snin ħabs fl-2022. Roman Vidyukov kien ukoll membru tal- iskwadra ta' investigazzjoni preliminari għall- kawża ta' "ħasil tal-flus" kontra l-fondazzjoni ta' Alexei Navalny kontra l-korruzzjoni. Roman Vidyukov mexxa wkoll l- investigazzjoni kontra Lilia Chanyшева, eks Kap tal-kwartieri ġenerali ta' Alexei Navalny f'Ufa, li għet ikkundannata għall-"ħolqien ta' komunità estremista". Lilia Chanyшева għet ikkundannata għal seba' snin u nofs ħabs fl- 2023.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Matul dawk il-kawżi tal-qorti, Roman Vidyukov allegatament hedded xhud sabiex iġiegħlu jixhed b'tali mod li jaġevola l-investigazzjoni matul il-kawża ta' frodi ta' Alexei Navalny.</p> <p>Roman Vidyukov huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż għal arresti jew detenzjonijiet arbitrari u għall-ksur tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni, li huwa ta' tħassib serju fir-rigward tal-oġġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stipulati fl-Artikolu 21 TUE.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
88.	Evgenia Sergeevna NIKOLAEVA	Евгения Сергеевна НИКОЛАЕВА (ortografija Russa)	<p>Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Basmanny District Court f'Moscow</p> <p>Data tat-twelid: 9.7.1981</p> <p>Post tat-twelid: Russian Federation</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: mara</p> <p>Numru tal-Kontribwent Individwali: 771873894393</p>	<p>Evgenia Nikolaeva ilha mill-2016 imħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Basmanny f'Moska.</p> <p>Hija ħarġet għadd ta' sentenzi kontra avversarji politiċi (inkluż Alexei Navalny, Ilia Yashin u Vladimir Kara-Murza), u b'hekk ikkontribwiet għar-repressjoni politika fir-Russja. F'Ottubru 2023, qiegħdet lill-avukati ta' Alexei Navalny, Alexey Liptser u Igor Sergunin, f'arrest preventiv għal xahrejn. Qabel dan, kienet ripetutament għamlet il-ħajja diffiċli għall-priġunieri politiċi, inkluż billi estendiet it-termini ta' detenzjoni f'ċentru ta' arrest preventiv għall-eks kap tal-kwartieri ġenerali ta' Alexei Navalny f'Ufa, Lilia Chanysheva. Evgenia Nikolaeva rrifjutat ukoll li tindirizza l-ilmenti dwar in-nuqqas ta' azzjoni tal-Kumitat Investigattiv tal-Federazzjoni Russa dwar l-allegazzjoni tal-avvelenament ta' Alexei Navalny.</p>	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Fil-pożizzjoni tagħha, Evgenia Nikolaeva hija għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż għal arresti jew detenzjonijiet arbitrari u għall-ksur tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni, li huwa ta' tħassib serju fir-rigward tal-obiettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stipulati fl-Artikolu 21 TUE.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
96.	Sergey Anatolevich MOROZ	Сергей Анатольевич МОРОЗ (ortografija Russa)	<p>Pożizzjoni(jiet): Kap tal-Federal Penitentiary Service tar-Russian Federation for Moscow</p> <p>Data tat-twelid: 15.9.1968</p> <p>Post tat-twelid: Berdyansk, Zaporozhye, Ukrainian SSR (issa Ukraine)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tal-Kontribwent Individwali: 644918369538</p>	<p>Sergey Moroz huwa uffiċjal Russu. Huwa l-Kap tas-Servizz Penitenzjarju Federali f'Moska.</p> <p>F'dik il-pożizzjoni, poġġa lill-politiku tal-oppożizzjoni Alexei Navalny fuq il-lista federali ta' persuni mfittxija. Sergey Moroz huwa akkużat li eżerċita umiljazzjoni estrema u vjolenza fuq id-detenu ti mal-wasla tagħhom f'detenzjoni.</p> <p>Għalhekk, Sergey Moroz huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż għal tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u l-ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.</p>	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
97.	Elena Evgenievna MOROZOVA	Елена Евгеньевна МОРОЗОВА (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal- Khimki City Court Data tat-twelid: 2.12.1977 Nazjonalità: Russa Sess: mara	Elena Morozova hija mħallef Russa li taħdem fil-Qorti tal-Belt ta' Khimki. Fil-pożizzjoni tagħha, iddeċidiet li tqiegħed lill-politiku tal-oppożizzjoni Alexei Navalny f'kustodja għal 30 jum hekk kif wasal f'Moska wara l-kura tiegħu għall-avveniment bin- Novichok. Il-proċess li hija ppresediet kiser l- istandards ta' proċess ġust, inkluż id-dritt ta' rieżami tal-kontenut tal-att tal-akkuża u tad- dokumenti tal-proċess, l-opportunità ta' konsultazzjoni ma' avukat, u l-aċċess pubbliku għall-proċess. Għalhekk, Elena Morozova hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir- Russja, inkluż għal tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, arrestu u detenzjonijiet arbitrari, u l-ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
99.	Mikhail Yurievich PTITSYN	Михаил Юрьевич ПТИЦЫН (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): President tal- Moscow City Court Data tat-twelid: 21.8.1963 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Mikhail Ptitsyn huwa l-President tal-Qorti tal- Belt ta' Moska. F'dik il-pożizzjoni, ikkunsidra b'mod pożittiv il-proposta tas-Servizz Penitenzjarju Federali Russu li s-sentenza ta' probation tal-mexxej tal-oppożizzjoni Alexei Navalny tiġi sostitwita b'sentenza sħiħa. Konsegwentement, Alexei Navalny ġie mċaħħad mill-possibbiltà li jaġixxi fil-ħajja pubblika fir-Russja billi ntbagħat il-ħabs f'kolonja penali. Għalhekk, Mikhail Ptitsyn huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir- Russja, inkluż għal tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrari, u l-ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
100.	Sergey Alekseevich RYABTSEV	Сергей Алексеевич РЯБЦЕВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal- Lefortovo District Court of Moscow Data tat-twelid: 4.9.1989 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Ryabtsev huwa mħallef Russu li jaħdem fil-Qorti Distrettwali ta' Lefortovo ta' Moska. F'dik il-pożizzjoni kien involut fis-sabotaġġ tal-investigazzjoni rigward l-avveniment ta' Alexei Navalny billi rrifjuta li jindirizza l- ilment dwar in-nuqqas ta' azzjoni tad- Direttorat Investigattiv tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa (FSB). Barra minn hekk, huwa kontinwament jagħti sentenzi kontra l-libertà tal-espressjoni fir- Russja. Għalhekk, Sergey Ryabtsev huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal- bniedem fir-Russja, inkluż għal tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrari, u l- ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
101.	Petr Pavlovich SERKOV	Пётр Павлович СЕРКОВ (ortografija Russa)	<p>Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi President tas-Supreme Court tar-Russian Federation</p> <p>Data tat-twelid: 7.6.1955</p> <p>Post tat-twelid: Poldamasovo, Ulyanovsk region, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tal-Kontribwent Individwali: 732502615730</p>	<p>Petr Serkov huwa l-Ewwel Viċi President tal-Qorti Suprema tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>F'dik il-pożizzjoni kkonferma l-verdett kontra l-politiku tal-oppożizzjoni Alexei Navalny fl-2018. Konsegwentement, Alexei Navalny instab ħati u ntbagħat il-ħabs f'kolonja penali ta' sigurtà għolja biex ma jkunx jista' jinvolvi ruħu f'attività politika. It-tqegħid ta' Alexei Navalny f'kolonja penali wassal għall-mewt tiegħu.</p> <p>Għalhekk, Petr Serkov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż għal tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrari, u l-ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.</p>	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
103.	Nikolay Viktorovich TIMOSHIN	Николай Викторович ТИМОШИН (ortografija Russa)	<p>Pożizzjoni(jiet): President tal-Presidium of the Supreme Court tar-Russian Federation</p> <p>Data tat-twelid: 14.8.1959</p> <p>Post tat-twelid: Zhidkoe village, Znamensky district, Oryol region, eks USSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Nikolay Timoshin huwa l-President tal-Presidju tal-Qorti Suprema tal-Federazzjoni Russa. Qabel dan, kien Membru tal-Presidju tal-Qorti.</p> <p>Bħala Membru tal-Presidju, Nikolay Timoshin ikkonferma l-verdett kontra l-politiku tal-oppożizzjoni Alexei Navalny fl-2018. Konsegwentement, Alexei Navalny instab ħati u ntbagħat il-ħabs f'kolonja penali ta' sigurtà għolja biex ma jkunx jista' jinvolvi ruħu f'attività politika.</p> <p>Għalhekk, Nikolay Timoshin huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż għal tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u l-ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.</p>	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
104.	Vladimir Yurievich ZAITSEV	Владимир Юрьевич ЗАЙЦЕВ (ortografija Russa)	<p>Pożizzjoni(jiet): President tal-Appellate Chamber tas-Supreme Court tar-Russian Federation</p> <p>Data tat-twelid: 31.3.1957</p> <p>Post tat-twelid: Valamaz, Krasnogorsk, Udmurtia SSR (issa Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Vladimir Zaitsev huwa l-President tal-Awla tal-Appell tal-Qorti Suprema tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>F'dik il-pożizzjoni eskluda lil Alexei Navalny milli joħroġ fl-elezzjoni presidenzjali fir-Russja fl-2018 fi proċess politikament motivat.</p> <p>Għalhekk, Vladimir Zaitsev huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż għall-ksur sistematiku tad-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, u tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.</p>	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
115.	Abdel Karim Mahmoud (Mahmood, Mohammad) IBRAHIM	عبد الكريم محمود ابراهيم (Ortografija Għarbija)	Pożizzjoni(jiet): Kap Kmandant tal-Armata Sirjana Post tat-twelid: Tartous, Syria Nazzjonalità: Sirjana Sess: raġel	Abdel Karim Mahmoud Ibrahim huwa l-kap kmandant tal-Armata Sirjana. L-Istat Sirjan, inkluż il-militar tiegħu, iwettaq tortura sistematika u mifruxa, stupru u vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru kontra persuni ċivili. Bħala l-kap kmandant tal-Armata Sirjana, Abdel Karim Mahmoud Ibrahim huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-forzi armati taħt il-kmand tiegħu. Abdel Karim Mohammad Ibrahim huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad- drittijiet tal-bniedem, inkluż għal tortura u vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sistematika u mifruxa.	22.7.2024”;

(3) fit-Taqsima “B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi”, l-entrati għad-disa’ entitajiet li ġejjin huma sostitwiti b’dan li ġejj:

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
“5.	Wagner Group (magħruf ukoll bħala Expeditionary and Volunteer Corps, Expeditionary Corps, Volunteer Corps, Africa Corps, Vagner Group, PMC Wagner, Liga, League)	Группа Вагнера (ortografija Russa)		<p>Il-Wagner Group huwa entità militari privata mhux inkorporata bbażata fir-Russja, li ġiet stabbilita fl-2014 bħala organizzazzjoni suċċessur tal-Korp Slavoniku. Permezz tal-istabbiliment ta' entitajiet lokali, u bl-appoġġ tal-gvernijiet lokali, il-Wagner Group jiffinanzja u jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu.</p> <p>Il-Wagner Group huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, is-Sirja, il-Libja, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA), is-Sudan, il-Mali u l-Mozambique, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji.</p>	13.12.2021

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
6.	Lobaye Invest SARLU		<p>Post tar-reġistrazzjoni: Bangui (Central African Republic)</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 24.10.2017</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: M 354838 D 0001 (numru "NIF", Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa)</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Central African Republic</p> <p>Informazzjoni oħra: Fergħa ta' M-Finans</p>	<p>Lobaye Invest SARLU hija kumpanija privata rreġistrata fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA), sussidjarja tal-kumpanija Russa M-Finans, oriġinarjament ikkontrollata minn Yevgeny Prigozhin. Hija mmexxija minn Dimitri Sytii, li jokkupa pożizzjoni eżekuttiva għolja f'Wagner Group, u minn Yevgeny Khodotov, li kien assoċjat ma' Yevgeny Prigozhin. Lobaye Invest tħaddem minjieri tad-deheb u tad-djamanti fir-RCA. Hija ġiet assoċjata mal-operazzjonijiet tal-Wagner Group fir-RCA. Tiffinanzja wkoll diversi mezz tal-media, bħall-istazzjon tar-radju Lengo Sengo, stazzjon tar-radju Ċentru-Afrikani li jmexxi kampanji ta' diżinformazzjoni u jippromwovi l-preżenza tal-Wagner Group fir-RCA.</p> <p>Lobaye Invest hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji f'diversi pajjiżi, inkluż fir-RCA. Permezz tal-attivitajiet tagħha, Lobaye Invest tappoġġa wkoll abbużi bħal dawn li jsiru fir-RCA.</p>	25.2.2023

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLenkar	Data tal-eLenkar
7.	DIAMVILLE		<p>Data tar-reġistrazzjoni: 28.3.2019</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: CA/BG2019B519</p> <p>Post prinċipali tan-negożju: Central African Republic</p> <p>Informazzjoni oħra: individwi u entitajiet assoċjati: Wagner Group, Dimitri Sytii, Valery Zakharov, Perfilev, Svetlana Troitskaya, Lobaye Invest</p>	<p>Diamville hija kumpanija faċċata li tintuża mill-Wagner Group preżenti fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA) għall-kummerċ illegali ta' djamanti. Hija marbuta mill-qrib mal-atturi ewlenin kollha tal-Wagner Group fir-RCA, bħal Dimitri Sytii. Diamville hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji f'diversi pajjiżi, inkluż fir-RCA. Permezz tal-attivitajiet tagħha, hija tappoġġa abbużi bħal dawn li jsiru fir-RCA.</p>	25.2.2023

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
8.	<p>Foundation for the Defence of National Values (FDNV)</p> <p>Fund for the Defence of National Values (FDNV)</p> <p>Foundation/organization for the Protection of National Values (FPNV)/(FZNC)</p> <p>Foundation for National Values Protection</p> <p>Organization for the Protection of National Values</p>		<p>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow (64 Zemlyanoy Val str., building 2, office 201, Moscow, Russian Federation)</p> <p>Sit web: https://en.fznc.ru/</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 1197700003137</p> <p>Numru tal-Kontribwent Individwali: 7709448606</p>	<p>Il-Foundation for the Defence of National Values (FDNV) hija assoċjata mal-Wagner Group. L-FDNV topera bħala l-fergħa tar-relazzjonijiet pubbliċi tal-Wagner Group. Hija tmexxi l-propaganda favur il-Wagner Group u l-kampanji ta' diżinformazzjoni, fost affarijiet oħra biex ittejjeb ir-reputazzjoni tal-Wagner Group u tappoġġa l-iskjerament tiegħu, u tinvolvi ruħha f'interferenza moħbija f'isem il-Wagner Group fid-diversi pajjiżi li hija attiva fihom.</p> <p>Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji f'diversi pajjiżi, inkluż fil-Libja, il-Mali u r-Repubblika Ċentru-Afrikana.</p> <p>L-FDNV hija assoċjata mal-Wagner Group u hija responsabbli għall-appoġġ u t-tteġġig tal-atti tal-Wagner Group permezz ta' propaganda favur il-Wagner Group, interferenza politika u diżinformazzjoni.</p>	25.2.2023

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
9.	Radio Centrafricaine Lengo Sengo		<p>Post tar-reġistrazzjoni: Bangui, Central African Republic</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: Novembru 2018</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Galabadja Bangui, Commune de Bangui Galabadja, 8eme Arr. [GPS]-> 4.4070, 18.5465</p>	<p>Radio Lengo Sengo huwa stazzjon tar-radju Ċentru-Afrikan involut f'operazzjonijiet ta' influwenza online f'isem il-Wagner Group. L-għan aħħari tiegħu huwa li jimmanipula l-opinjoni pubblika. Il-kumpanija tmexxi kampanji ta' diżinformazzjoni u tippromwovi l-preżenza tal-Wagner Group fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA). Radio Lengo Sengo huwa ffinanzjat minn Lobaye Invest, kumpanija privata marbuta mal-Wagner Group li sservi bħala kopertura għall-attivitajiet tiegħu fir-RCA.</p> <p>Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstrapudizzjarji, sommarji jew arbitrarji f'diversi pajjiżi, inkluż fir-RCA.</p> <p>Radio Lengo Sengo huwa responsabbli għall-appoġġ u t-tteggig tal-atti tal-Wagner Group fir-RCA.</p>	25.2.2023

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
10.	Meroe Gold Co. Ltd (magħrufa wkoll bħala: Meroe For Agricultural & Animal Production; Al-Solag; Al-Sarraġ Mining Company Ltd; Al-Sawlaj Mining Company Ltd; Al-Solaj Mining Company; Al-Soladzh Mining Company; Al-Solag Mining Company; Sullaj Mining Company; Al-Sullaj; Al-Solage; Solange; Sullag)		Post tar-reġistrazzjoni: Al-jref Għarb Plot 134 Blok 1h, Khartoum, Sudan Informazzjoni oħra: Estrazzjoni ta' minerali oħra tal-metall mhux ferruż Assoċjata ma': Al Sawlaj for Mining Ltd الصولج Aswar Multi Activities Co., Ltd	Meroe Gold hija entità ta' kopertura għall-operazzjonijiet tal-Wagner Group fis-Sudan, u hija marbuta mill-qrib miegħu. Bl-affiljazzjoni tiegħu mal-militar Sudaniż, il-Wagner Group żgura l-isfruttament u l-esportazzjoni tad-deheb Sudaniż lejn ir-Russja. Meroe Gold hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji f'diversi pajjiżi, inkluż fis-Sudan. Permezz tal-attivitajiet tagħha, Meroe Gold tappoġġa wkoll abbużi bħal dawn li jsiru fis-Sudan.	25.2.2023

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
11.	M-Invest		<p>Post tar-reġistrazzjoni: d. 76 korp. 4 litera A ofis N620, prospett Obukhovskoi Oborony St. Petersburg, Russian Federation</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 1177847044066</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Khartoum, Sudan</p> <p>Informazzjoni oħra: Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa: 7811636632; Numru tal-gazzetta tal-Gvern: 06513574</p>	<p>M-Invest hija entità ta' kopertura għall-operazzjonijiet tal-Wagner Group fis-Sudan. Kienet marbuta mill-qrib ma' Yevgeny Prigozhin. Bl-affiljazzjoni tiegħu mal-militar Sudaniż, il-Wagner Group żgura l-isfruttament u l-esportazzjoni tad-deheb Sudaniż lejn ir-Russja. M-Invest hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji f'diversi pajjiżi, inkluż fis-Sudan. Permezz tal-attivitajiet tagħha, M-Invest tappoġġa wkoll abbużi bħal dawn li jsiru fis-Sudan.</p>	25.2.2023

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
12.	Sewa Security Services		<p>Post tar-reġistrazzjoni: Bangui (Central African Republic)</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Central African Republic</p> <p>Informazzjoni oħra: sussidjarja ta' Lobaye Invest</p>	<p>Sewa Security Services hija kumpanija privata bbażata fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA) li tipprovdi protezzjoni għall-uffiċjali għolja tal-gvern tar-RCA. Din isservi bħala kopertura għall-attivitajiet tal-Wagner Group fir-RCA. Hija sussidjarja ta' Lobaye Invest, immexxija minn Dimitri Sytii, li jokkupa pożizzjoni eżekuttiva għolja f'Wagner Group, u minn Yevgeny Khodotov, li kien assoċjat ma' Yevgeny Prigozhin. Sewa Security kienet involuta flimkien mal-Wagner Group f'sensiela ta' attacchi vjolenti li seħħew fir-RCA mill-elezzjonijiet presidenzjali ta' Diċembru 2020 'l hawn. Sewa Security hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji f'diversi pajjiżi, inkluż fir-RCA. Permezz tal-attivitajiet tagħha, Sewa Security Services tappoġġa wkoll abbużi bħal dawn li jsiru fir-RCA.</p>	25.2.2023

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
17.	Department of Information Technologies of the City of Moscow	Департамент Информационных Технологий города Москвы (ortografija Russa)	<p>Indirizz: (Legali) Russia, 123100 Moscow, 1-Y Krasnogvardeyskiy Proyezd, 21, bld 1; (Attwali) Russia, 105064 Moscow</p> <p>Yakovoapostol'skiy Pereulok, 12c1</p> <p>Telefown: +7 (495) 957-01-31</p> <p>Faks: +7 (495) 957-75-42</p> <p>Indirizz elettroniku: dit@mos.ru</p> <p>Sit web: https://www.mos.ru/dit/</p> <p>Telegram: t.me/dit_moscow</p>	<p>Id-Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni tal-Belt ta' Moska jiżviluppa u juża s-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska. Jibgħat data mis-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ lill-unitajiet tal-infurzar tal-liġi tad-Direttorat Ewlieni għall-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska.</p> <p>Id-Direttorat Ewlieni għall-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska uża s-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'Moska bħala għodda ta' repressjoni. Użaha biex iwettaq monitoraġġ u detenzjoni arbitrarja ta' ġurnalisti indipendenti u attivisti tal-oppożizzjoni li ħadu sehem fi protesti paċifiki b'appoġġ għal Alexei Navalny, kontra l-korruzzjoni tal-gvern tar-Russja u b'oppożizzjoni għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Is-sistema ta' rikonoxximent tal-wiċċ intużat ukoll mid-Direttorat Ewlieni għall-Affarijiet Interni tal-Belt ta' Moska biex jinstabu u jiġu detenuti dawk maqbudin bil-lieva li ppruvaw jevadu l-mobilizzazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p>	20.7.2023''

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
				Id-Dipartiment tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni tal-Belt ta' Moska huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jew abbużi tal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni.	